# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

**Illum 4 ta' Lulju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**
**vs**
**Aguinaldo Silva Seixas**

**Kumpilazzjoni Nru: 340/2016**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Aguinaldo Silva Seixas, u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 282313 (L)

Akkuzat talli

a. Nhar it-3 ta' Lulju, 2016 ghal habta tal-1600 ta' wara nofsinhar gewwa Disma Scrapyard, Triq ir-Rinella, Kalkara bil-hsieb li jikkometti serq bil-lok, bil-valur u mezz wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, ghad-detriment ta' Enzo Attard f'isem Disma Scrapyard liema delitt ma' giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu liema delitt kien aggravat bi vjolenza.
b. Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Cristina Attard hekk skond ma' iccertifika Dr S Mallia MD (Reg 2253).
c. Ukoll talli gewwa Disma Scrapyard, Triq ir-Rinella, Kalkara nhar it-2 ta' Lulju, 2016 u xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ikkommetta serq ta' diversi affarijiet liema valur komplessiv hu ta' ' l fuq minn hames t'elef Euro (€5,000) ghad-

detriment ta' Enzo Attard f'isem Disma Scrapyard liema serq hu aggravat bil-valur, lok u mezz.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt li l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 221, 261(b)(c)(e), 263, 267 u 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A ta'l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' ergha snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**